MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 21/2003

**Louis Zammit**

**vs**

**Alfred Saliba**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kundannat thallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija tmienja u tletin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm438.37) dovuti lill-attur in linea ta’ danni ikkagunati in segwitu tal-incident awtomobilistiku li gara fi Triq iz-Zebbug, limiti ta’ Zebbug, Ghawdex fl-14 ta’ Novembru 2002 meta waqt li inti kont qed issuq il-vettura LAW536 hbatt mal-vettura Mitsubishi numru ta’ registrazzjoni JAN298 proprjeta u misjuqa mill-attur Louis Zammit ghal liema incident inti kont unikament responsabbli.

Din it-talba qeghdha ssir ukoll a bazi ta' skrittura privata fejn inti kont ammettejt it-tort ghall-incident u ntrabatt illi thallas l-ispejjez kollha sofferti mill-attur.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Jannar 2003.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah".

Ra d-dikjarazzjoni tal-attur li s-sorte thallas kif ukoll in-nota tal-ammissjoni tal-konvenut ghar-rigward tal-kap tal-ispejjez.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, anke permezz tal-ammissjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-attur, limitatament ghall-kap ta' din l-istanza, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lill-attur quddiem dan it-Tribunal u tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Jannar 2003 a kariku tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------